**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 245 / 2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jonathan Attard**

Illum, 16 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Attard detentur tal-karta ta' l-identita 423584 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar is-17 t' April, 20218, u l-10 ta' Lulju, 2018, fil-Gzejjer Maltin b' diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kissru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9, Artiklu 18).

Inqast li taghti lil Raisa Micallef, is-somma ta' mitt ewro fil-gimgha, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u / jew martek, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma (Kap 9, Artikolu 338 (z)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Novembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 7, 8, 18, 31 (g) u 338 (z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoniiet migjuba fil-konfront teighu u ikkundannatu ghal xahar prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jonathan Attard minnu pprezentat fis-27 ta' Novembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-part tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

2. Tirriforma l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi tul-mori tal-proceduri l-appellant u l-parte civile lahqu ftehim bonarju u ffirmaw kuntratt fejn gie saldat kwalunkwe manteniment dovut f' dawn l-proceduri, flimkien ma' arretrati ta' manteniment oħra;

2. Illi jiġi rilevat illi l-għan ewlieni fl-Artikolu 338z tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ma kienx dak retributtiv iżda biss li jagħti pressjoni fuq persuni li ma jkunux ħallsu l-manteniment sabiex iħallsu dak stipulat. Peress illi fil-każ odjern l-appellant ħallas l-ammont hekk stabbilit piena karċerarja effettiva ma hiex ġusta u ma tirriflettix l-għan aħħari tal-legislatur meta introduċa din il-kontravvenzjoni. Għalhekk il-piena ta' xahar priġunerija effettiva kif inflitta, kemm fil-kwalita tagħha, u sussidjarjament u mingħajr pregudizzju, fil-kwantita, ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant aċċenat u aċċettat, fil-kunċett ta' gustizzja kriminali fiż-żminijiet ta' llum;

3. Illi l-appellant umilment jissottometti li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b' xi forma ta' kapricc jew sabiex jipprova jahrab mill-obbligi tieghu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li kien ghaddej minnhom l-appellant;

4. Illi l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata u li r-rizultat taghha ser ikun li

tipprekludih milli jhallas il-manteniment dovut fil-futur u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq l-ulied minuri .

5.

Semghet lil Dorianne Micallef tiddikjara fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2021 illi hija thalset ghas-saldu tal-pretensjonijiet monetarji taghha u talbet li tigi ezentata milli tixhed fl-interess tal-minuri in komuni li hija ghandha mal-appellant. Il-Qorti laqghet it-talba seduta stante u ezentataha millli tixhed

Ikkunsidrat,

Il Qorti rat li l-appellant kien irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti u cioe nhar l-11 ta' Novembru, 2019 u dan anke wara li kien inghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u ghalhekk tali ammissjoni ma tistax tigi skartata. Il-Qorti pero rat li quddiem din il-Qorti dehret Dorianne Micallef u kkonfermat li l-appellant hallasha dak dovut lilha skond id-digriet tal-Qorti u li illum m'ghandheix aktar pretensjonijiet monetarji fil-konfront tieghu tant li anke talbet li ma tixhedx f'dawn il-proceduri fl-interess tal-wild komuni minuri taghhom.

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' prigunerija i ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u omm bintu minrui ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u bintu minuri .

B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi

bejnu u s-sihba tieghu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp bintu tibqa bla ħlas ta′ manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta′ prigunerija imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa′ l-appell tal-imputat appellant Jonathon Attard billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal xahar prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta′ ammenda fl-ammont ta′ ħamsin euro (€50) u tikkonfermha fil-bqija.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur